# Stqarrija ta' privatezza

L-Artikoli 15 u 16 tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 japplikaw għall-ipproċessar ta' data personali li jsir mill-Parlament Ewropew.

1) Min jipproċessa d-data personali tiegħek?

- Il-Parlament Ewropew qed jaġixxi bħala l-kontrollur[1] u l-entità responsabbli għall-ipproċessar hija l-Parlament Ewropew > is-Segretarjat tal-Parlament > id-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni tal-Unjoni > id-Direttorat għad-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Affarijiet Kostituzzjonali, irrappreżentat minn SPEISER Michael.
- Tista' tikkuntattja lill-kontrollur/lill-entità fuq l-email uffiċjali tas-Segretarjat responsabbli għall-organizzazzjoni tal-laqgħa speċifika:
  budg-secretariat@ep.europa.eu; cont-secretariat@ep.europa.eu;
  econ-secretariat@ep.europa.eu; fisc-secretariat@ep.europa.eu;
  empl-secretariat@ep.europa.eu; envi-secretariat@ep.europa.eu;
  itre-secretariat@ep.europa.eu; imco-secretariat@ep.europa.eu;
  tran-secretariat@ep.europa.eu; regi-secretariat@ep.europa.eu;
  agri-secretariat@ep.europa.eu; pech-secretariat@ep.europa.eu;
  cult-secretariat@ep.europa.eu; juri-secretariat@ep.europa.eu;
  libe-secretariat@ep.europa.eu; afco-secretariat@ep.europa.eu;
  femm-secretariat@ep.europa.eu; peti-secretariat@ep.europa.eu;
  beca-secretariat@ep.europa.eu; aida-secretariat@ep.europa.eu;
  anit-secretariat@ep.europa.eu.

2) X'inhu l-iskop tal-ipproċessar tad-data personali tiegħek?

- Id-data personali tiegħek tiġi pproċessata bl-għan aħħari li jiġu organizzati u segwiti l-laqgħat tal-Kumitati/tas-Sottokumitati. F'dan il-kuntest, il-personaġġi pubbliċi, l-uffiċjali u l-esperti huma mistiedna jipparteċipaw u hemm subsettijiet differenti ta' data li huma pproċessati:
  - il-ġbir u l-arkivjar ta' data personali u professjonali (l-isem, it-titlu, l-organizzazzjoni, is-CV, eċċ.) għall-fini ta' trasparenza u informazzjoni (li tidher fl-abbozzi tal-aġendi, fl-avviżi fuq is-sit web, ikkomunikata permezz tal-email lill-Membri tal-PE, fil-bullettin, eċċ.);
  - il-ġbir u l-arkivjar tad-dettalji ta' identità u ta' kuntatt tal-mistiedna u t-trasferiment lis-servizz ta' akkreditazzjoni biex jiġi żgurat l-aċċess għall-bini tal-PE;
  - il-ġbir u l-arkivjar ta' komponenti awdjoviżivi, immaġni u vuċi, għal finijiet loġistiċi, ta' komunikazzjoni jew ta' trasparenza (webstreaming, ritratti, sistema ta' laqgħat Interactio, eċċ.). Id-data tiġi pproċessata mid-DĠ COMM (webstreaming,

[1] Kontrollur huwa l-awtorità pubblika, l-aġenzija jew korp ieħor li, waħdu jew flimkien ma' oħrajn, jiddetermina l-finijiet u l-mezzi tal-ipproċessar tad-data personali. Il-kontrollur huwa rappreżentat mill-kap tal-entità.

fotografija), DĠ LINC (Interactio) taħt il-koordinazzjoni tas-segretarjat responsabbli;

- il-ġbir ta' data finanzjarja (dettalji tal-kontijiet bankarji, eċċ.) għar-rimborż tal-ispejjeż li jikkwalifikaw tal-mistednin għas-seduti ta' smigħ. Id-data imbagħad tiġi pproċessata mid-DĠ FINS; il-ġbir u l-arkivjar tar-reġistrazzjoni awdjo tal-kumitat/tas-sottokumitat u tal-laqgħat tal-koordinaturi lil hinn mill-webstreaming tas-soltu biex jiġi evitat it-telf potenzjali ta' informazzjoni.

3) X'inhi l-bażi legali għall-ipproċessar?

Il-bażi legali għall-ipproċessar huma r-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew, ir-Regoli li jirregolaw "Il-Passes u l-Awtorizzazzjonijiet li jagħtu aċċess għall-bini tal-Parlament", ir-Regoli dwar is-Seduti ta' Smigħ Pubbliċi, id-Deċiżjoni tal-Bureau tat-18 ta' Ġunju 2003 emendata fis-16 ta' Jannar 2017 u r-Rakkomandazzjoni Nru 1/2016 dwar il-pubblikazzjoni ta' data personali fuq is-siti web tal-Parlament. Ir-Regolament (UE) 2018/1725, b'mod partikolari l-Artikolu 5, il-paragrafu 1, il-punti (a) u (d), dwar il-kunsens mitlub fir-rigward tat-trażmissjoni tas-CVs tal-esperti. Barra minn hekk, l-Artikolu 10, b'mod partikolari l-paragrafu 2, il-punt (g), huwa wkoll il-bażi legali għal kategoriji speċjali ta' data.

4) Liema data personali tiġi pproċessata?

Nistgħu nipproċessaw id-data tiegħek dwar il-karriera, il-karatteristiċi fiżiċi, in-numru tat-telefon jew id-data ta' komunikazzjoni, is-sħubija fi trade union, l-opinjonijiet politiċi, it-twemmin reliġjuż/filosofiku, il-karatteristiċi fiżiċi ta' persuna bħala immaġni u vuċi (ritratti, reġistrazzjonijiet tal-laqgħat), is-sħubija fir-Reġistru ta' Trasparenza tal-UE, u d-dehra fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/138 tal-5 ta' Frar 2021 li jimplimenta l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu, u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1128.

5) Kif se tiġi pproċessata d-data personali tiegħek?

Il-proċess huwa awtomatizzat fis-sens li jitwettaq fuq kompjuter u permezz ta' email. L-ipproċessar tad-data jirrigwarda l-fatt li ċerta data personali tintalab u tiġi rċevuta mingħand il-mistiedna, li din l-informazzjoni tintuża biex jintalab aċċess (fiżiku) għall-mistiedna, u li s-CV tal-mistiedna jiġi ppubblikat fil-fajl tal-laqgħa u fuq il-paġna web rilevanti tal-Kumitat.

6) Għal kemm żmien tinħażen id-data personali tiegħek?

Id-data personali tiegħek se tinħażen kif speċifikat fit-tabella tal-ġestjoni tal-arkivjar mehmuża (bid-data tad-dħul fis-seħħ tat-2 ta' Ottubru 2008). Bħala prinċipju, id-data personali għandha tiġi miżmuma għal mhux iktar milli jkun meħtieġ għall-finijiet li għalihom tkun inġabret jew li għalihom tkun ġiet ipproċessata aktar.

Għal raġunijiet amministrattivi, il-limitu ta' żmien għall-ħżin ta' data personali li tista' titqies obbligatorja biex jintlaħaq l-għan tal-laqgħa tal-kumitat (l-isem, il-pożizzjoni, ir-rwol professjonali, l-immaġnijiet, ir-reġistrazzjonijiet tal-vuċi, il-vidjos jew ir-ritratti tal-mistiedna) huwa sa tmiem il-leġiżlatura li jmiss li fiha saret is-seduta ta' smigħ pubbliku. Fil-kuntest tas-seduti ta' smigħ pubbliċi, xi data personali li ma titqiesx obbligatorja biex jintlaħaq l-iskop tal-laqgħa tal-kumitat (jiġifieri s-CV, l-intervent u d-data l-oħra kollha li mhijiex strettament meħtieġa għal-laqgħa tal-kumitat) tinħażen sakemm jitlestew is-seduta ta' smigħ pubbliku u l-ħidma ta' segwitu kollha. Il-ħidma ta' segwitu titlesta ladarba l-Kumitat ikun adotta l-minuti tas-seduta ta' smigħ u l-minuti jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-kumitat.

7) Għand min tmur id-data personali tiegħek?

Ir-riċevituri tad-data personali tiegħek huma, minbarra s-segretarjat rilevanti:
DĠ IPOL: l-Unità tal-Komunikazzjoni u s-Sensibilizzazzjoni, l-Unità tal-Finanzi
DĠ SAFE: l-Unità ta' Akkreditament
DĠ COMM: l-uffiċjal tal-istampa u s-servizz ta' webstreaming
DĠ LINC: l-interpreti u l-operaturi ta' Interactio
DĠ FINS: rimborż ta' spejjeż tal-esperti (permezz tal-Unità tal-Finanzi tad-DĠ IPOL)

Barra minn hekk, qabel seduta ta' smigħ, avviż li jinkludi s-suġġett, il-programm u d-dokumenti ta' sfond tas-seduta ta' smigħ jintbagħat permezz ta' email lil-lista ta' kuntatti tas-Segretarjati tal-Kumitati (din il-lista tinkludi l-Membri u l-assistenti tal-Membri tal-Kumitat imsemmi, il-persunal tal-gruppi politiċi li jaħdmu fil-Kumitat u s-Segretarjat tal-Kumitat). Il-programm jinkludi l-isem, il-pożizzjoni, ir-rwol professjonali u l-immaġni/ir-ritratti potenzjali tal-kelliem mistieden.

8) Id-data personali tiegħek tiġi kondiviża ma' pajjiż terz jew ma' organizzazzjoni internazzjonali?

**Le**, id-data personali tiegħek ma tiġi kondiviża ma' ebda pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali.

9) Jintużaw xi proċessi awtomatizzati[2] u/jew tfassil ta' profil[3] (profiling) biex jittieħdu deċiżjonijiet li jistgħu jaffettwawk?

**Le**.

10) Jekk id-data personali ma tkunx inkisbet mingħandek, minn fejn tkun oriġinat?

B'mod eċċezzjonali, hemm każijiet meta s-segretarjati tal-Kumitati jirċievu data mill-organizzazzjoni li l-espert ikun qed jaħdem għaliha.

11) Xi drittijiet għandek?

Għandek id-drittijiet li ġejjin:

- id-dritt għall-aċċess għad-data personali tiegħek;
- id-dritt għar-rettifika tad-data personali tiegħek;
- id-dritt għat-tħassir tad-data personali tiegħek;
- id-dritt għar-restrizzjoni tal-ipproċessar;
- id-dritt għall-portabbiltà tad-data;
- id-dritt li toġġezzjona għall-ipproċessar;
- id-dritt li tirtira l-kunsens tiegħek fi kwalunkwe waqt, mingħajr ma dan jaffettwa l-legalità tal-ipproċessar ibbażat fuq il-kunsens qabel ma l-kunsens ikun ġie rtirat;
- id-dritt li tikkuntattja lill-uffiċjal tal-protezzjoni tad-data tal-Parlament Ewropew fuq dataprotection@europarl.europa.eu;
- id-dritt li tressaq ilment quddiem il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data fuq edps@edps.europa.eu.

[2] It-teħid ta' deċiżjoni b'mezzi awtomatizzati biss u mingħajr ebda involviment uman. {Eżempji teoretiċi: paġna tal-internet li fiha, jekk tagħżel ċerti opzjonijiet, titqiegħed awtomatikament f'listi ta' indirizzi elettroniċi differenti li permezz tagħhom tirċievi l-bullettin korrispondenti ta' kull xahar / l-użu ta' sistema awtomatizzata biex jiġu kkoreġuti t-tweġibiet ta' test "b'għażliet multipli" u tingħareġ marka li biha tgħaddi, skont in-numru ta' tweġibiet tajbin}.

[3] Il-profiling janalizza aspetti tal-personalità, l-imġiba, l-interessi u d-drawwiet ta' individwu biex isiru previżjonijiet jew biex jittieħdu deċiżjonijiet dwaru. Jintuża biex jiġu analizzati jew previsti aspetti dwar il-prestazzjoni fuq il-post tax-xogħol tas-suġġett tad-data, is-sitwazzjoni ekonomika, is-saħħa, il-preferenzi jew l-interessi personali, l-affidabbiltà jew l-imġiba tiegħu, il-post fejn ikun qiegħed jew il-movimenti tiegħu, eċċ. {Eżempju teoretiku: meta tuża l-media soċjali tingħabar data u jiġu rreġistrati t-tendenzi tiegħek. Din id-data mbagħad tintuża biex jiġu ffurmati previżjonijiet ġodda/differenti dwarek.}